**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Lulju, 2020**

**Talba Nru: 194/2019PM1**

**Perit Robert Fenech (383566(M))**

**Vs**

**KSL Limited (C59646) f' isimha proprju kif ukoll ezercenti n-negozju bl-isem 'Global Tech'**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-tletín (30) ta' Gunju, 2019 li permezz ta' liema l-attur talab li, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, it-Tribunal jillikwida l-ammont ta' elfejn euro (€2000) in linea ta'rizarciment ragjonevoli ta'parti mill-prezz imhallas ghall-panellli tal-elettriku li huwa xtara minghand is-socjeta` konvenuta u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas l-istess ammont lill-attur bl-interessi bl-oghla rata permessa mil-ligi sad-data tal-pagament effettiv ; bl-ispejjez kontra l-istess socjeta`konvenuta ingunta in subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta li permezz taghha eccepiet illi :

1. It-talba tal-attur kif dedotta hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk qed tigi kkontestat ghaliex is-socjeta` konvenuta ssuplixxiet il-pannelli li gew miftiehma u mhallsa mill-attur
2. Illi madanakollu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` konvenuta offriet lill-attur sabiex jaghmel *repositioning* ta' xi pannelli sabiex dawn ikunu jistghu jiggeneraw aktar kapacita` izda l-attur baqa' qatt ma ta appuntament lis-socjeta` konvenuta sabiex tkun tista' taghmel ir-*repositioning*
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda tal-attur waqt is-seduta tal-21 t' Ottubru, 2019 u ra d-dokumenti prezentati minnu. Kompla jisma' lill-istess attur waqt is-seduta tat-3 ta' Marzu, 2020 u wkoll waqt is-seduta tal-15 ta' Gunju, 2020 fejn gew ezebiti aktar dokumenti.

Sema' wkoll ix-xhieda ta' Neil Azzopardi u ra d-dokumenti ezebiti minnu waqt is-seduta tal-15 ta' Gunju, 2020.

Ra d-dokumenti ezebiti mill-attur u kompla jisma' lil Neil Azzopardi oltre li ra d-dokumenti ezebiti mill-istess Azzopardi waqt is-seduta tal- 10 ta' Lulju, 2020.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern.

Ra li l-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidra**

Illi permezz tal-kawza odjerna l-attur qieghed jitlob rizarciment ta' parti mill-prezz imhallas minnu lis-socjeta` konvenuta ghall-panelli tal-elettriku li, skont hu, kellhom jipproduci *output* ta' elettriku ta' tletin (30) unit ta' elettriku kull gurnata. L-attur jikkontendi li l-*average performance* tal-istess units hija ferm aktar baxxa mill-livelli mistennija minnu u kwindi li l-pannelli huma ta' kwalita` inferjuri minn dik pattwita. Da parti taghha s-socjeta` konvenuta tikkontendi li hija ssuplixxiet il-pannelli miftehmin u mhallsin mill-istess attur. Tikkontendi wkoll li, minkejja offerta da parti

tal-istess socjeta` konvenuta li taghmel re-posizzjonament tal-istess pannelli sabiex dawn ikunu jistghu jiggeneraw aktar kapacita`, kien proprju l-attur li qatt ma ta appuntament lis-socjeta` konvenuta ghal dan l-iskop.

Illi ghaldaqstant il-mertu tal-kawza odjerna jikkoncerna essenzjalment jekk il-pannelli akkwistati mill-attur humiex tal-kwalita` pattwita minnu mas-socjeta` konvenuta, referibilment ghall-*output* ta' elettriku li tali pannelli jiggeneraw.

Illi mill-aspett prettament legali l-art. 1390 tal-**Kodici Civili** jipprovdi li:

> "*Jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwiegħda, jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jircievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti.*"

Illi f'dan ir-rigward jinsab ukoll deciz li:

> "*Dan premess, kif gie ritenut mill-Qorti tal-Kummerc filkawza "**Diacono –vs- Galea**" (Vol XVIII pIII p59) fil-kaz ta' l-Artikolu 1390 "si suppone in primo luogo che il venditore abbia esplicitamente premesso una qualita` e che il compratore abbia avuto specialmente in mira questa qualita`". Fl-istess sens hi s-sentenza "**Emanuele Aquilina –vs- Negte. Giuseppe Mamo**", App. Kumm. 3 ta' Ottubru 1927 (Vol XXVI pI (ii) p 189).* (…) *Ma hemmx dubju illi biex wiehed jitkellem fuq difett ta' kwalita` f'sens guridiku din l-istess kwalita` trid tkun kuntrattwalment esplicita.* (**Dennis Farrugia v. Joseph Dimech noe.** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-25 ta' Frar, 2004)

Illi fir-rigward tal-kaz odjern, waqt is-seduta tal-15 ta' Gunju, 2020, l-attur stqarr, fuq mistoqsija tat-Tribunal, li kien iffirma kuntratt mas-socjeta` konvenuta li tieghu seta' zamm kopja u kwindi obbliga ruhu li jezebixxi l-istess fis-seduta sussegwenti. Madanakollu tali kuntratt – jekk tassew jezisti - baqa' qatt ma gie ezebit in atti minn ebda wahda mill-partijiet. Ikun allura opportun li t-Tribunal jelenka l-kronologija tal-fatti kif graw u li effettivament jidher li hemm qbil dwarhom bejn il-partijiet sabiex,

abbazi tal-istess, jiddtermina l-mod illi bih zviluppa u gie konkluz in-negozju guridiku bejn l-istess partijiet u kwindi t-termini u l-kundizzjonijiet li rregolaw l-offerta u l-accettazzjoni relattiva tan-negozju. Jekk da parti tieghu Neil Azzopardi in rappresentanza tas-socjeta` konvenuta jiddikjara li s-socjeta` konvenuta tohrog *quote* inizjali fejn l-*output* tal-pannelli jigi indikat abbazi tal-assunzjoni li dawn ikunu ser jahdmu taht kundizzjonijiet ottimali, liema *quote* tigi mbaghad sussegwentement riveduta wara li jsir access fuq il-post sabiex tigi determinata is-sitwazzjoni attwali fis-sit fejn il-pannelli ikunu ser jithwahhlu (u jikkontendi li hekk, fil-fatt, gara wkoll fil-kaz in ezami – ara f'dan is-sens xhieda moghtija minnu waqt is-seduta tal-15 ta' Gunju, 2020), l-attur, waqt is-seduta tal-10 ta' Lulju, 2020, prezenta kronologija tal-fatti (Dok. RF1). Skont tali kronologija l-Inginier Kevin Spiteri spezzjona s-sit u provda l-ewwel document (mhux datat u li jinsab ezebit a fol. 20 tal-process) u li l-attur interpreta bhala dokument li jiggarantixxi *output* ta' elettriku ta' mill-inqas 30 unit kuljum.

Madanakollu mill-provi prodotti irrizulta wkoll li s-socjeta` konvenuta irrevediet tali *quote* fid-29 ta' Novembru, 2017 meta hemmhekk inbeda l-process ghall-applikazzjoni fi hdan ir-REWS u s-self mill-Bank sabiex eventwalment ir-REWS approvat l-applikazzjoni tieghu ghall-grant, il-Bank approva s-self u l-pannelli gew stallati fuq il-post bl-approvazzjoni tal-istess attur. Huwa car li t-tieni *quote* datata 29 ta' Novembru, 2017 (Dok. NA1) tindika kjarament li Daily Units Generated jammontaw ghal 17.9. Din it-tieni *quote* inharget mis-socjeta` konvenuta u giet accettata mill-istess attur tant illi l-attur ghadda, skont l-istess kronologija elenkata minnu, sabiex japplika ghas-self mal-Bank abbazi taghha. Jirrizulta car li l-attur kien fil-pussess tal-istess *quote* datata 29 ta' Novembru, 2017 mhux biss ghaliex applika u ottjena s-self abbazzi taghha (is-somma mislufa indikata fis-*sanction letter* datata 3 ta'Jannar, 2018 hija identika ghal dik indikata fit-tieni *quote*) imma wkoll ghaliex kien hu stess li ezebiha f'dawn l-atti bhala parti mill-faxxiklu ta' dokumenti immarkati Dok. RF1. B'zieda ma' dan, wara l-hrug ta' din l-istess *quote* u l-konkluzjoni tal-process ghall-ghotja tal-grant mir-REWS u s-self mill-Bank, is-socjeta` konvenuta ghaddiet sabiex tinstalla l-pannelli skont id-disinn provdut minnhom u kwindi s-socjeta` konvenuta thallset proprju abbazi ta' din it-tieni quote.

Għat-Tribunal din il-kronoloġija ta' fatti hija indikattiva ta' dak li xehed kjarament Azzopardi fis-sens illi l-ewwel *quote* tkun inħarġet "*a bazi tal-prezunzjoni li dawn il-pannelli jkunu jahdmu under optimum conditions* (…) *b'tali mod li jkunu esposti b'mod normali ghad-dawl*" filwaqt li t-tieni waħda tinħareġ wara li ssir l-analiżi partikulari tas-sitwazzjoni tal-klijent b'mod partikulari ta' strutturi u dellijiet li ċertament jinfluwixxu fuq il-units ġenerati. Kwindi huwa ċar li ai fini tal-kwalita` pattwita l-attur inħargitlu u aċċetta it-tieni *quote* relattiva għas-sitwazzjoni partikulari tiegħu liema *quote* mhux biss ağixxa a bazi tagħha anke ai fini ta' ħlas ta' prezz imma serviet, ai fini u effetti tal-liġi, sabiex tissostitwixxi l-ewwel *quote* li fuqha huwa qed jipprova jistrieħ sabiex jiġġustifika t-talba tiegħu. Konsegwentement il-kwalita` tal-pannelli pattwita bejn il-partijiet kienet proprju dik deskritta fil-*quote* formali maħruġa fid-29 ta' Novembru, 2017 u aċċettata mill-istess attur.

Illi ai fini ta' kompletezza jeħtieġ li jingħad li huwa l-attur stess li jikkonferma li l-*output* indikat fl-ewwel *quote* deherlu li kien wieħed eċċessiv u f'dan ir-rigward jidher, anke skont il-kronoloġija tal-fatti eżebita minnu li, f'Ottubru, 2017 ikkuntatja lill-Inġinier Mario Sammut sabiex jottjeni kjarifika dwar dan. Dan l-Inġinier baqa' qatt ma xehed f'dawn il-proċeduri u għalkemm l-attur jikkontendi li Sammut kellem lil Kevin Spiteri u dan ikkonfermali l-*output* li ser jiġi ġenerat, il-*quote* maħruġa mis-soċjeta` konvenuta datata 29 ta' Novembru, 2017 kjarament tindika li l-*output* kien ser ikun dak ta' 17.9 units u mhux 30. Dan kellu jkun ampjament evidenti għall-attur li, kif ingħad, kien ingħata din it-tieni *quote* qabel ma ġew stallata l-pannelli. It-Tribunal ma jemminx li l-attur ma kienx jaf bil-proċedura addottata mis-soċjeta` konvenuta sabiex tikkonfermalu l-medja tal-units li ser jiġu attwalment prodotti fis-sit tiegħu; lanqas ma jemmen li – tenut kont tal-importanza ta' dan l-aspett għan-negozju konkluż oltre s-siwi tat-tieni *quote* fil-proċess – li huwa ma ntebaħx b'dak kjarament indikat fit-tieni *quote* relattivament għall-units ġenerati. Wara li nħarġet din il-*quote* l-attur kellu kull opportunita` li ma jkompliex bl-ordni tiegħu mas-soċjeta` konvenuta u allura *imputet sibi* jekk minflok, huwa għadda sabiex jaċċetta din il-*quote* u japplika għal-self mal-Bank proprju abbazi tagħha.

Ai fini ta' kompletezza jinghad ukoll li lanqas jista' l-attur jippretendi xi forma ta' rifuzjoni mis-socjeta` konvenuta bhala rizultat tal-posizzjonament tal-pannelli. Waqt is-seduta tat-3 ta' Marzu, 2020 kien l-istess attur li kkonferma li "*dan id-design kont accettajtu. Anzi nghid li dan id-design gie spjegat lili u jiena accettajtu*". Azzopardi iffisser ukoll kif "*fir-rigward tal-Perit Robert Fenech dan ghandu sistema li tippermetti li kull pannella tahdem individwalment proprju minhabba l-kwistjoni tad-dellijiet*" (xhieda moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' Gunju, 2020) u fil-fatt jidher li wara tali stallazzjoni iffirma proprju dikjarazzjoni li permezz taghha iddikjara ruhu sodisfatt bix-xoghol (Dok. NA2 datat 2 ta' Frar, 2018 a fol. 42 tal-process). Perdipiu` b'referenza ghat-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta huwa l-istess attur li jiddikjara li "*fuq mistoqsija tat-Tribunal* (…) *minkejja li kien hemm din l-offerta min-naha tas-socjeta` intimata da parti tieghi jiena kont imsiefer meta rcevejt Whatsapp message minghandhom u ma segwejtx ulterjorment*" (xhieda moghtija fil-21 t'Ottubru, 2019) u wkoll "(n)*ikkonferma li jiena rcevejt xi e-mails min-naha ta' Dr. Sammut illi jindika l-possibilita` li dan l-appuntament jiccaqlaq ghal data ohra u wkoll reminders pero` ftehim dwar dan ma ntlahaqx*" (xhieda moghtija fit-3 ta' Marzu, 2020).

Tenut kont tal-units generati kuljum skont kif indikat mill-attur stess permezz ta' Dok. RF2 (a fol 21 tal-process) u Dok RF1 (a fol. 31 tal-process), il-medja ta' *output* hija pressokke` identika ghal dik indikata mill-istess socjeta` konvenuta wara li sehh l-access fuq is-sit u nharget il-*quote* attwali. Wiehed ghandu japprezza wkoll li tali *output* huwa determinat minn ghadd ta' varjanti li jinkludu l-esposizzjoni tal-istess pannelli ghax-xemx liema esposizzjoni tiddependi mhux biss mid-dellijiet u strutturi fis-sit imma wkoll mill-istaguni u mit-temp minn jum ghal jum. It-Tribunal jinnota li skont l-informazzjoni provduta mill-istess attur, salv ix-xhur tax-xitwa, l-*output* tal-pannelli regolarment jizboq bil-bosta in-numru ta' units patwiti mill-partijiet permezz tat-tieni *quote* surreferita. Jekk wiehed jikkunsidra il-medja skont dok. RF2 a fol. 21 din tammonta ghal 18.64 units kuljum (u mhux 17.09 kif indikat mill-attur). L-istess rizultat jigi ottjenut jekk wiehed jikkunsidra d-dati bejn it-23 ta' Frar, 2018 sat-2 ta' Settembru, 2019 skont Dok. RF1 a fol. 31 tal-process. Jekk wiehed imbaghad jikkunsidra il-mejda bejn it-30 ta' Dicembru 2019 u l-14 ta' Gunju, 2020 (eskluzi allura dawk il-granet li fihom jidher li kien hemm xi *fault* mhux mertu tal-kawza) il-medja ta' units kuljum hija

wkoll dik ta' 18.74 kuljum. Kwindi huwa car li, ghar-ragunijiet kollha premessi, bl-ebda mod ma jista' jinghad li l-pannelli kkonsenjati mis-socjeta` konvenuta m'humiex tal-kwalita` pattwita avut rigward ghall-kwalita` accettata mill-attur permezz tat-tieni *quote* datata 29 ta' Novembru, 2017.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi, filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez ta' din il-procedura jigu sopportati interament mill-attur.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**